

32004D0655

L 300/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.9.2004

ID-DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TA' L-ISTATI MEMBRI**tat-22 ta' settembru 2004****li taħtar imhalled għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej**

(2004/655/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi:

Skond l-Artikoli 5 u 7 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u bħala konsegwenza tar-riżenja tas-Sinjura Fidelma MACKEN, għandu jiġi maħtur imhalled għall-perijodu li fadal tal-mandat tas-Sinjura Fidelma MACKEN,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sinjur Aindrias Ó CAOIMH hu hawnhekk maħtur imhalled tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mid-data tal-ġurament tiegħu sas-6 ta' Ottubru 2009.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, nhar it-22 ta' settembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

T. DE BRUIJN